

22006D0098

L 289/50

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

19.10.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 98/2006****tas-7 ta' Lulju 2006****li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi 'l barra mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 72/2005 tad-29 ta' April 2005 ⁽¹⁾.
- (2) Ikun xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim tiġi estiża biex tkun tinkludi l-azzjoni preparatorja tar-riċerka Ewropea dwar is-Sigurtà (2006).
- (3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat sabiex jippermetti li sseħħ din il-kooperazzjoni estiża b'effett mill-1 ta' Jannar 2006,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

- 1) it-test tal-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati EFTA għandhom, mill-1 ta' Jannar 1994, jipparteċipaw fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' qafas ta' l-attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u ta' l-iżvilupp teknoloġiku msemmi fil-paragrafu 5 u, mill-1 ta' Jannar 2005 u mill-1 ta' Jannar 2006, fl-attivitajiet imsemmija fil-paragrafi 9 u 10 rispettivament permezz tal-parteeċipazzjoni fil-programmi speċifiċi tagħhom.”;

- 2) it-test tal-paragrafu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati ta' l-EFTA għandhom jikkontribwixxu b'mod finanzjarju għall-attivitajiet imsemmija fil-paragrafi 5, 9 u 10 f'konformità ma' l-Artikolu 82 (1) (a) tal-Ftehim.”;

- 3) it-test tal-paragrafu 6 għandu jiġi sostitwit b'dan ġej:

"6. L-Evalwazzjoni u l-bidla kbira fid-direzzjoni ta' l-attivitajiet fil-programmi ta' qafas ta' l-attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u ta' l-iżvilupp teknoloġiku msemmi fil-paragrafi 5, 9 u 10 għandhom jiġu regolati bil-proċedura msemmiya fl-Artikolu 79(3) tal-Ftehim.”;

- 4) il-paragrafu li ġej għandu jiġi inkluż fil-paragrafu 9:

"10. L-Istati ta' l-EFTA għandhom, mill-1 ta' Jannar 2006, jipparteċipaw fl-azzjonijiet tal-Komunità relatati mal-linja tal-baġit li ġejja, imdaħħla fil-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2006:

— **Linja tal-Baġit 02.04.02:** 'Azzjoni preparatorja għat-titjib tar-riċerka dwar is-sigurtà Ewropea’.”

⁽¹⁾ ĠU L 239, 15.9.2005, p. 64.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2006.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Lulju 2006.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda Helen SLETNES

(*) Ebda ħtiġijiet kostituzzjonali m'huma indikati.